**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**Kumpilazzjoni Nru: 464/2022**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**-Vs-**

**WAYNE HALL**

**Illum, 27 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **WAYNE HALL**, ta' 32 sena, iben Henry Hall u u Rita Hall xeba Tabone, imwieled il-Pieta' nhar it-8 ta' Jannar 1990, bla residenza u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 51290M, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, akkuzat

talli bejn l-20 ta’ Awwissu 2022 u 22 ta’ Awwissu 2022, minn gewwa Triq San Pietru, Fgura, u/jew bnadi ohra gewwa l-Gzejjer Maltin;

1. Ikkometta serq ta’ mutur ta’ l-ghamla Coopop Coopop-Q1, irregistrat bin-numru ta’ registrazzjoni KCF446, u/jew pjanca bin-numru ta’ registrazzjoni KCF446 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Sergio Bonnici u/jew persuni ohra;

2. Ukoll talli, xjentement laqa’ ghandu jew xtara pjanca bin-numri ta’ registrazzjoni KCF446 u/jew licenzja ta’ vettura rregistrata bin-numru KCF 446 u/jew oggetti ohra, misruqin, mehudin b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

U aktar talli, nhar l-20 ta’ Awwissu 2022, bejn it-tmienja ta’ filghodu (08:00hrs) u d-disgha ta’ filghodu (09:00hrs) minn gewwa l-hanut bl-isem ta’ ‘Eda’ fi Triq Haz-Zabbar, Fgura:-

3. Ikkometta serq ta’ ‘tablet’ u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravate bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Andrea Caruana u/jew persuni ohra;

U aktar talli, bejn it-18 ta’ Awwissu 2022 u d-19 ta’ Awwissu 2022, minn gewwa Triq Haz-Zabbar, Fgura u/jew bnadi ohra gewwa l-Gzejjer Maltin:-

4. Ikkommetta serq ta’ batteriji u/jew oggetti ohra, minn mutur tal-ghamla NIU, bin-numru ta’ registrazzjoni EQZ413, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija

u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin cetenzmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Go Electric Garage u/jew entitajiet u/jew persuni ohra;

5. Ukoll talli l-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamel hsara f’mutur ta’ ghamla NIU, bin-numru tar-registrazzjoni EQZ413, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) u dan ghad-detriment ta’ Go Electric Garage u/jew entitajiet u/jew persuni ohra. .

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi u semgħetu wkoll jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat illi b’digriet mogħti mis-S.T.O. il-Prim’Imħallef datat 9 ta’ Jannar 2023, din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni fil-11 ta’ Jannar 2023 teżentaha mill-ħtieġa li terga’ tisma’ x-xhieda li diġa’ xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ukoll lid-difiża teżentaha mill-ħtieġa li terga’ tisma’ x-xhieda li diġa’ xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023 jiddikjaraw li l-kawża tista' titħalla għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjonijiet**

L-imputat qed jiġi mixli b'serq ta' mutur tal-għamla Co-op bin-numru ta' registrazzjoni KCF-446 u jew il-liċenza ta' dan il-mutur u oġġetti oħrajn għad-detriment ta' Sergio Bonnici, bejn l-20 ta' Awwissu 2022 u t-22 ta' Awwizzu 2022 minn ġewwa Triq San Pietru, Fgura.

Sergio Bonnici xehed[1] illi nhar il-Ġimgħa huwa kien ipparkja l-mutur tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni KCF-446 wara l-garaxx ġewwa Triq San Pietru, Fgura, bieb ma' bieb mal-istabbiliment bl-isem Cream Caramel, u ħallih hemmhekk maqful b'ċinga. Nhar it-Tnejn ta' wara l-Pulizija għamlu kuntatt miegħu fejn infurmawh li kienu instabu l-liċenza u l-pjanċi tal-mutur tiegħu. Meta mar fejn kien ipparkja l-mutur, sab iċ-ċinga kienet maqtugħa u l-mutur nieqes minn postu u mar jirrapporta s-serq lill-Pulizija. Ikkonferma li kien xtara l-mutur ftit tax-xhur qabel għall-valur ta' €2,000[2].

Mix-xhieda tal-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa u PS1288 Fortune Calafato, jirriżulta illi meta l-imputat ġie arrestat fit-22 ta' Awwissu 2022 ġewwa l-Għassa tal-Bormla u saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, instab fuqu fost oħrajn il-pjanċi tar-registrazzjoni

[1] Xhieda tad-29 ta' Awwissu 2022.
[2] Dok. SB1, paġni 30 u 31 tal-atti tal-kawża. Ara prova dwar ir-reġistrazzjoni tal-mutur f'isem Sergio Bonnici, Dok. SC1, paġna 35 tal-atti tal-kawza.

bin-numru KCF-446 kif ukoll il-liċenzja ta’ dan l-istess mutur, liema oġġetti ġew esebiti materjalment fl-atti tal-kawża. (Dok. SZ1).

Fix-xhieda tagħha l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa kkonfermat illi hija għarfet lill-imputat fil-filmat li ġie elevat mill-istabbiliment Cream Caramel[3] u ratu jmur ħdejn il-mutur u mbagħad jieħdu. Rat ukoll li l-imputat jidher fil-filmat liebes l-istess ħwejjeġ li kien liebes meta ġie arrestat fit-22 ta’ Awwissu 2022 u għarfet ukoll il-baskett li kien qed iġorr bħala l-istess baskett li kellu fil-pussess tiegħu meta ġie arrestat - abjad bi strixxi oranġjo u kliem stampat fuqu - liema baskett jidher fir-ritratti esebiti u mmarkati Dok. SZ8 u jinsab esebit materjalment fl-atti[4].

Il-Qorti rat hija stess dawn il-filmati li skont ix-xhieda tal-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa ġew elevati mill-istabbiliment Cream Caramel (CD Dok. SZ7) - liema stabbiliment skont ix-xhieda ta’ Sergio Bonnici jinsab bieb ma’ bieb mal-garaxx li quddiemu kien ipparkja l-mutur tiegħu - u rat persuna li tixbaħ ħafna lill-imputat li għandha quddiemha, għaddej fit-triq fl-20 ta’ Awwissu 2022 għall-ħabta tal-ħin ta’ 9:40:18 p.m. fejn jgħaddi quddiem il-camera u jidher qiegħed iġorr baskett li jidher identiku għal dak li kellu fuqu l-imputat meta ġie arrestat fit-22 ta’ Awwissu 2022 (Dok. SZ13) u li jidher fir-ritratti Dok. SZ3. Rat ukoll illi din il-persuna reġgħet daret lura u minnufih tmur għall-mutur li huwa pparkjat direttament wara l-vann abjad li jidher fil-filmat, fejn tagħmel ħames minuti sħaħ bil-qiegħda fuq il-bankina iċċekċek mal-mutur sakemm finalment, fid-9:45:15 p.m. din il-persuna, l-imputat, jitlaq minn fuq il-post bil-mutur b’kollox.

Il-Qorti hija moralment konvinta illi l-mutur li fil-filmat l-imputat jidher li qed jisraq, ċioe’ l-mutur li kien ipparkjat eżatt ħdejn l-istabbiliment imsemmi minn Sergio Bonnici fix-xhieda tiegħu u li minnu l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa xehdet li ġew elevati l-filmati in kwistjoni, huwa l-mutur tal-istess Sergio Bonnici. Ma jirriżultax li x-xhieda tal-Ispettur Zerafa, safejn xehdet illi dawn il-filmati ttieħdu mill-

[3] CD Dok. SZ7.
[4] Dok. SZ13.

istabbiliment Cream Caramel u li juru ħin rejali, hija kontestata. Fil-fatt, l-imputat ma qajjem ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati li ġew esebiti mill-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa bħala l-filmati li ġew elevati mill-istabbiliment li jinsab eżatt mal-garaxx li quddiemu kien ipparkjat il-mutur ġewwa Zabbar Road, Fgura u l-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammisibbilita' ta' dawn id-dokumenti anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

Il-fatt li l-imputat instab fil-pussess tal-liċenza u tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni tal-mutur KCF-446 ikompli jsaħħaħ il-konvinċiment tal-Qorti li kien proprju l-imputat li seraq dan il-mutur, kif del resto jidher jagħmel fil-filmati tal-istabbiliment (Creme Caramel) li jiġi bieb ma' bieb, fi kliem Sergio Bonnici, mal-post fejn kien ipparkjat il-mutur tiegħu. L-istqarrija li għamel l-imputat waqt l-interrogazzjoni, ċioe' li huwa kien sab dawn il-pjanċi u l-liċenza fit-triq, ġabarhom u kien sejjer bihom l-Għassa tal-Bormla, hi kontradetta mir-riżultanzi tal-filmat Dok. SZ7 fejn l-istess imputat jidher jieħu l-mutur u għalhekk ma tistax tingħata affidabbilita'. Konsegwentement, l-imputat sejjer jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti tosserva illi għalkemm il-mutur jirriżulta li nsteraq bil-lejl, fil-ħin ta' 9.40p.m., l-imputat ma ġiex mixli b'serq ikkwalifikat bil-ħin. Ġie mixli iżda bil-kwalifika tal-mezz. Din il-kwalifika jirriżulta debitament ippruvata mix-xhieda mhux kontradetta ta' Sergio Bonnici li xehed illi huwa qafel il-mutur b'ċinga liema ċinga huwa sab li kienet ġiet maqtugħa. Għall-Qorti din hija prova suffiċjenti li l-imputat, biex wettaq is-serq tal-mutur, qata' jew qala' l-qofol li ntuża biex il-mutur jintrefa' fiż-żgur, azzjoni li indubbjament tiffigura fit-tifsira ta' "ksur" skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 263(a) u 264(1) tal-Kap. 9. Il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni juru wkoll, inkonfutabbilment, illi s-serq tal-mutur, li kien ipparkjat fit-triq u kwindi f'post pubbliku, huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 271(g) tal-Kap. 9. Billi l-valur tal-mutur jeċċedi s-somma ta' €232.94, jikkonsegwi wkoll li s-serq huwa aggravat bil-valur kif imfisser

fl-Artikolu 267 tal-Kap. 9, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 279(a) iżda mhux tal-Artikolu 279(b) tal-Kap. 9 għall-fini ta' piena.

Madanakollu, billi qed jiġi deċiż li kien l-imputat li seraq il-mutur ta' Sergio Bonnici, l-imputat ma jistax jinstab ukoll ħati tar-reat ta' riċettazzjoni tal-pjanċi u liċenza tal-istess mutur. Dawn l-oġġetti misruqa instabu fil-pussess tal-imputat sewwasew għaliex kien hu li seraqhom u l-Qorti fehmet illi t-tieni imputazzjoni dwar ir-reat ta' riċettazzjoni ingħatat bħala alternattiva għal dik ta' serq u fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat ta' serq, sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

L-imputat ġie mixli wkoll li fl-20 ta' Awwissu 2022 huwa seraq tablet minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem Eda ġewwa Triq Ħaż Żabbar, Fgura.

Mill-provi jirriżulta li fil-ġurnata li fiha ġie rapportat nieqes it-tablet minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem Eda Kebab ġewwa Żabbar Road, Fgura, l-imputat kien imqabbad minn Andrea Caruana jagħmel xogħolijiet ta' tiswija fid-dawl fl-istabbiliment. Din ma kienetx l-ewwel darba li l-imputat kien ħadem f'dan l-istabbiliment biex jagħti daqqa t'id lis-sidien. Fil-fatt, mhux kontestat li l-imputat kien ilu diversi ġranet jaħdem fil-ħanut qabel ġie rapportat nieqes it-tablet.

Andrea Caruana xehed illi dakinhar fil-għodu fl-istabbiliment kien hemm preżenti hu, missieru John Caruana u l-imputat, iżda hu kien ħareġ u kienu baqgħu waħedhom missieru u l-imputat. Andrea Caruana qal li f'ħin minnhom anke missieru kien ħareġ mill-ħanut u l-imputat baqa' waħdu u meta missieru reġa' mar lura fil-ħanut sab li t-tablet ma kienx għadu f'postu. Dak il-ħin il-ħanut kien magħluq u x-*shutter* imniżżel. Andrea Caruana xehed illi meta missieru daħal fil-ħanut, sab illi l-cameras kienu mitfijin u reġa' xegħelhom u kien dak il-ħin li mar juża t-tablet iżda ma sabux imqabbad mac-*charger*.

Savas Suyabatnaz li jaħdem l-istabbiliment mal-*counter*, xehed illi huwa wasal fil-ħanut biex jibda x-xogħol, fl-10.30 a.m. u meta mar jixgħel it-*tablets* li jintużaw għall-ordnijiet, ma kienx sab it-*tablet* li jintuza għall-ordnijiet li jidħlu mingħand Wolt. Hu staqsa lil missier Andrea, li jiġi l-imgħallem tiegħu, li qallu li t-*tablet* kien imqabbad mac-charger bħas-soltu, iżda dan ma kienx f'postu. Dak il-ħin fil-ħanut miegħu kien hemm l-imgħallem John Caruana u l-imputat li meta ġie konfrontat dwar it-*tablet* li ma nstabx f'postu, innega li kien hu li ħa t-*tablet*.

Mix-xhieda ta' Andrea Caruana jirriżulta illi dan it-*talbet* kien għadu f'postu qabel huwa ħareġ mill-ħanut u ħalla lill-imputat ma' missieru. Huwa fatt stabbilit illi Andrea Caruana ma kienx fil-ħanut meta missieru allegatament ħareġ mill-ħanut u billi l-istess missieru ma ġiex imressaq biex jixhed quddiem il-Qorti, żgur li mhux ippruvat il-fatt illi l-imputat f'xi ħin tħalla waħdu fil-ħanut. Il-Qorti tqis illi missier Andrea Caruana, John Caruana, kien l-iktar xhud relevanti biex jistabbilixxi l-fatti li abbażi tagħhom il-Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni dwar il-ħtija tal-imputat għas-serq tat-*tablet* - fosthom il-fatt li l-imputat tħalla għal xi ħin waħdu fil-ħanut - iżda dan ix-xhud ma ġiex imressaq mill-Prosekuzzjoni biex jixhed quddiem il-Qorti. Il-Qorti tosserva wkoll illi x-xhieda ta' Andrea Caruana, li missieru kien induna li t-*talbet* kien nieqes meta reġa' daħal fil-ħanut minn barra u induna li l-*cameras* kienu mitfijin, tikkozza max-xhieda ta' Savas Suyabatnaz li xehed li kien hu li induna li t-*tablet* ma kienx f'postu u dan meta daħal għax-xogħol fl-10.30 a.m.

L-imputat fl-istqarrija tiegħu ċaħad kategorikament illi kien hu li seraq it-*tablet* u insista li fl-ebda waqt ma tħalla waħdu fil-ħanut tant illi huwa ħareġ jixtri darbtejn dakinhar, mingħand l-istabbiliment "Convenience" u mingħand taż-żebgħa, u ħareġ quddiem u fil-preżenza tas-sid li kien fil-ħanut. Għalkemm Andrea Caruana fix-xhieda tiegħu sostna li l-imputat kien ħareġ jixtri mingħand Vince taż-Zebgħa il-ġurnata ta' qabel u mhux dakinhar li nsteraq it-tablet, kif diġa' ġie stabbilit, Andrea Caruana *ex admissis* ma kienx fil-ħanut fil-ħinijiet in kwistjoni, ċioe' meta allegatament l-imputat tħalla waħdu fil-ħanut.

Huwa minnu illi f'wieħed mit-tliet filmati li ġew elevati mill-cameras fl-istabbiliment, l-imputat faċilment jintgħaraf bħala l-persuna li tfiet waħda mill-*cameras* u mhux kontestat mill-imputat li t-*tablet* jidher f'waħda mill-filmati qabel intfew il-cameras. Fil-fatt, l-imputat qatt ma ċaħad li tefa l-*cameras* ġewwa l-istabbiliment tant illi fl-istqarrija tiegħu, hu sostna illi kien għamel dan għaliex dak il-ħin kienu qed jaħdmu fuq il-*cameras* hu u s-sid Joe biex ineħħu l-plug u jqabbduhom direttament mal-mains. Din l-istqarrija ma ġietx kontradetta bl-ebda mod u għalhekk il-Qorti tqis illi l-fatt li l-imputat tefa l-*cameras* ma hu ta' ebda konfort għat-teżi tal-Prosekuzzjoni li kien proprju l-imputat li seraq it-*tablet* jew li kien tefa l-*cameras* biex jisraq dan it-tablet. Il-fatt li dak il-ħin l-imputat kien qed jaħdem fuq id-dawl fil-ħanut huwa ammess minn Andrea Caruana u l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa xehdet illi fir-rapport li kien għamel Andrea Caruana fl-20 ta' Awwissu 2022, l-istess Andrea Caruana kien irrapporta li l-imputat kien tqabbad biex isewwi xi CCTV *cameras*.

Il-Qorti m'hijiex konvinta lanqas illi l-imputat f'xi waqt tħalla waħdu fil-ħanut għaliex sid il-ħanut mar jixtri. L-imputat stqarr li hu kien waħdu fil-ħanut biss meta s-sid kien barra l-ħanut qed iċempel, u din l-istqarrija ma ġietx kontradetta bil-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni. Fil-fatt, ma ġiet riskontrata ebda prova kwalsiasi li turi li sid l-istabbiliment, Joe Caruana, ma kienx preżenti l-ħin kollu mal-imputat u jekk ħareġ, ħareġ barra l-bieb tal-ħanut biex iċempel. M'hemm xejn lanqas fil-provi li tagħti x'tifhem li l-bieb tal-ħanut baqa' magħluq il-ħin kollu u ma kienx tħalla miftuħ f'xi ħin. Kif diġa' ġie stabbilit, Andrea Caruana kien ħareġ mill-ħanut u ħalla lill-imputat ma' missieru u għalkemm xehed li l-bieb tal-ħanut kien magħluq u msakkar, ix-xhieda tiegħu ftit jista' jkollha valur għall-fini li jiġi stabbilit x'seħħ jew ma seħħx meta ma kienx hemm. Wisq inqas ix-xhieda tiegħu tista' tikkontradixxi b'mod effettiv dak li stqarr l-imputat fl-interrogazzjoni, ċioe' illi sid l-istabbiliment kien barra jċempel u li l-imputat ħareġ jixtri fil-prezenza tal-istess sid. Fil-fatt, imkien ma jirriżulta mix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni, jekk il-bieb tal-ħanut kienx magħluq jew miftuħ u jekk kellu jkun magħluq, li baqa' magħluq il-ħin kollu u ma kienx infetaħ jew tħalla miftuħ f'xi ħin.

Għaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx li hemm evidenza biżżejjed biex teskludi għal kollox il-verżjoni tal-imputat li huwa qatt ma tħalla waħdu fl-istabbiliment u li meta ħareġ, għamel dan fil-presenza tas-sid. Għandu jiġi osservat ukoll illi għalkemm ix-xhud Savas Suyabatnaz qal li wasal fl-istabbiliment għall-ħabta tal-10.30 a.m., fit-tieni filmat f'Dok. SZ7, tidher persuna li ma ġietx identifikata mix-xhieda, qiegħda ddur fil-ħanut fil-ħin li Andrea Caruana xehed illi l-imputat kellu jkun waħdu fl-istabbiliment[5]. Għalkemm huwa minnu illi f'filmat ieħor ma jidher ħadd fl-istabbiliment, minn eżami tal-filmati esebiti huwa evidenti li fil-viżwali tal-cameras individwali li minnhom ġew elevati l-filmati esebiti fl-atti, ma jidhrix il-wisa' kollu tal-istabbiliment.

Il-Qorti m'hijiex konvinta li l-indizzji li jitnisslu mix-xhieda ta' Andrea Caruana u ta' Savas Suyabatnaz, anke jekk meħudin komplessivament, jikkostitwixxu prova konklussiva li kien l-imputat u mhux xi persuna oħra li seraq it-tablet. Għall-Qorti il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova fir-rigward – konsistenti fix-xhieda ta' John Caruana – u kollox magħdud, ma ressqitx provi sodisfaċjenti li jeskludu l-ipotesi li l-ħanut ma tħalliex waħdu f'xi ħin u jew li jeskludu l-probabbilita' tal-verżjoni tal-imputat, ċioe' illi meta ħareġ mill-ħanut kien hemm is-sid missier Andrea Caruana fil-ħanut.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk in propositu:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova*".

[5] Andrea Caruana kif ukoll l-Ispettur Sarah Zerafa kkonfermaw fix-xhieda tagħhom li l-ħin indikat fil-filmati elevati mill-istabbiliment huwa tliet sigħat b'lura mir-*real time*. Il-persuna li tidher f'dak il-ħin hija liebsa ħwejjeġ differenti minn dawk li kien liebes il-persuna identifikabbli bħala l-imputat.

Barra dan il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt illi filwaqt li mill-provi jirriżulta li t-*tablet* instab li kien nieqes għall-ħabta tal-11.00 a.m., l-imputat sostna li huwa għamel iktar minn sagħtejn fl-istabbiliment ifittex it-*tablet* flimkien mas-sid u ma' Savas Suyabatnaz. Allegazzjoni li ma ġietx eskluża mix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni. Kif diġa' ngħad, l-imputat kien ilu diversi ġranet jaħdem fl-istabbiliment jagħti daqqa t'id u ma ġiex allegat li l-imputat kellu jerġa' jmur jaħdem il-ħanut in segwitu għas-serqa iżda ma tfaċċax. Minbarra dan, il-verżjoni tiegħu li l-għada ma resqax lejn l-istabbiliment għaliex kien il-Ħadd u l-Ħadd ma jaħdimx, ma ġietx kuntrastata. Il-Qorti tosserva wkoll li meta l-imputat ġie arrestat l-għada tar-rapport tas-serq tat-tablet, proprju fuq dan l-istess rapport, ma nstab ebda *tablet* fil-pussess tiegħu.

Il-Qorti żgur m'hijiex sejra tasal għal xi konklużjonijiet ibbażati purament fuq konġetturi, suspetti jew spekolazzjoni u tosserva illi anke jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni jnisslu suspett li seta' kien l-imputat li seraq it-*tablet,* hemm ħolqa evidentement nieqsa fil-provi tal-Prosekuzzjoni li naqset milli tipproduċi l-aħjar prova li setgħet tnissel konvinċiment morali fil-grad li jeħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali. **Kollox magħdud, jibqa' *a lurking doubt* f'moħħ il-Qorti dwar il-ħtija tal-imputat għaliex hija nieqsa dik il-prova li torbot lill-imputat ineżorabbilment u konklussivament mal-allegat serq tat-tablet kif ukoll il-prova li kien l-imputat u mhux xi persuna oħra li setgħet daħlet fil-ħanut u kkommetta dan is-serq.**

Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex konvinta illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li kien l-imputat u li ma setax ikun xi ħaddieħor, li seraq it-t*ablet* mill-istabbiliment Eda Kebab fl-20 ta' Awwissu 2022 bejn it-8.00 a.m. u d-9.00 a.m. u għaldaqstant mhux sejra issibu ħati tat-tielet imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' u l-Ħames Imputazzjonijiet</u>**

Fir-raba' u l-ħames imputazzjoni l-imputat ġie mixli li seraq batterija minn mutur tal-għamla NIU bin-numru ta' reġistrazzjoni EQZ-413 għad-detriment ta' Go Electric Garage u għamel ħsara volontarja f'dan l-istess mutur, rispettivament.

Mill-provi[6] jirriżulta illi fil-pussess tal-imputat meta ġie arrestat fit-22 ta' Awwissu 2022, instab *battery booster* li ritratti tiegħu jinsabu esebiti fl-atti (Dok. SZ2), fost oġġetti oħrajn. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat asserixxa li din il-batterija tappartjeni lilu u ilha għandu xi sentejn u tiswa €1,600.

Mark Camilleri, rappreżentant tal-kumpannija Wiza Scooter, xehed illi fit-18 ta' Awwissu 2022 wieħed mill-iscooters tal-kumpannija, bin-numru EQZ-413, li kien mikri għand persuna oħra, kien ġie pparkjat il-Fgura għall-ħabta tad-9.00 p.m. Dan jafu għaliex kull scooter tal-kumpannija huwa reġistrat u għandu *tracker* istallat fuqu. Xehed illi impjegati tal-kumpannija jintbagħtu kull tant żmien biex inaddfu l-muturi u jibdulhom il-batteriji u fid-19 ta' Awwissu 2022, wieħed mill-ħaddiema rrapportalu li mutur minnhom kien ġie vandalizzat u mkisser. Ittieħdu ritratti ta' dan il-mutur, li effettivament kien fih diversi ħsarat u kienu nsterqu wkoll xi batteriji minn ġo fih kif ukoll parts oħrajn. Il-ħsarat ġew stmati b'kollox, kompriż il-batteriji neqsin, fis-somma ta' €2,349.44 (Dok. MC1)[7]. Mark Camilleri xehed ukoll illi meta mar jirrapporta s-serqa lill-Pulizija fl-Għassa tal-Bormla, jara batterija li tixbaħ ħafna l-batterija li kienet insterqet mill-mutur, fuq *cabinet* ġewwa l-istess Għassa u wara li ġab prova li din kienet effettivament batterija li kienet mixtrija mill-kumpannija tiegħu, din ġiet rilaxxata lilu.

L-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa xehdet li fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħha dwar din is-serqa, hija rat il-filmati li nġabru mill-istabbiliment Hidden Assets ġewwa Zabbar Road, Fgura. Ma ssemmix id-data meta nġibdu dawn il-filmati iżda kkonfermat illi l-ħin muri fuq il-filmat huwa b'lura b'siegħa u sbatax-il minuta. Xehdet illi għall-ħabta tad-9.10h u 9.14h tal-ħin indikat fil-filmat, l-imputat Wayne

---

[6] Ara xhieda tal-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa u PS 1288 Fortune Calafato.
[7] Ara ritratti Dok. MC3 li juru l-ħsarat u l-istat li instab fih il-mutur.

Hall jidher jibda jżarma l-vettura fil-parti fejn tinsab il-batterija. Għall-ħin ta' 11.28h jidher persuna jiġi jibdel il-batteriji iżda wara li jara l-mutur, jitlaq u ma jibdel xejn. Imbagħad fil-ħin tal-14:43h sa 14:49h l-imputat jidher fil-filmat qiegħed ikompli jżarma u jisraq il-batterija filwaqt li għall-ħabta ta' 21:17h sa 21:30h jidher iżarma l-faċċata tal-mutur u jisraq xi parts minnu.

Il-Qorti rat il-filmat fuq CD Dok. SZ6 u tqis illi l-imputat odjern Wayne Hall jidher u jintgħaraf mingħajr ebda ekwivoku bħala l-persuna li fil-għodu fit-18 ta' Awwissu 2022 tidher riesqa lejn mutur tal-kulur oranġjo bl-isfar li kien ipparkjat wiċċu lejn il-bankina, u bejn 09:10 u 09:14h[8], iżarma xi parti mill-mutur. Fil-fatt, l-imputat jidher fil-filmati li kien liebes l-istess ħwejjeġ li kien liebes meta ġie arrestat fit-22 ta' Awwissu 2022 skont ma jidher fir-ritratti Dok. SZ8.

Din l-istess persuna - li l-Qorti hi konvinta li m'huwa ħadd ħlief l-imputat Wayne Hall - liebsa l-istess ħwejjeġ appena msemmija, tidher f'filmati sussegwenti, għall-ħabta ta' 21:17h. Hawnhekk, l-imputat reġa' mar fuq l-istess mutur li kien għadu pparkjat fl-istess post fit-triq, fejn dam iktar minn għaxar minuti jbagħbas fil-mutur u fl-aħħar, waqt li kien bilqiegħda fuq il-bankina, jidher iżarma l-parti ta' quddiem tal-mutur b'tornavit. Fl-aħħar, fil-ħin ta' 21:30h, l-imputat jidher jiġbor diversi parts tal-mutur u jitlaq bihom f'idejh.

Fix-xhieda tagħha, l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa wkoll ikkonfermat li hija għarfet lill-imputat bħala l-persuna li żarmat il-mutur fiż-żewġ okkazzjonijiet li deher ħdejn il-mutur u l-Qorti, anke wara li rat ir-ritratt tal-mutur in kwistjoni fl-istat li nstab wara li nsterqu l-parts minnha (Dok. MC3[9]), tqis li dan huwa l-istess mutur li l-imputat kien qed iżarma fit-18 ta' Awwissu 2022, anke għaliex f'dawn ir-ritratti jidher li huwa pparkjat fl-istess post li jidher fil-filmati.

---

[8] Kif ingħad fix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, il-ħin rejali jrid jinħadem billi żżid siegħa u sbatax-il minuta fuq il-ħin muri fil-filmati.
[9] Paġna 89 u 90 tal-atti tal-kawża.

Għaldaqstant, il-Qorti għandha biżżejjed provi quddiemha biex jirradikaw fiha konvinċiment morali li l-imputat seraq il-batterija mill-mutur tal-kumpannija Wizz Scooter jew Go Electric Garage, li huwa indikat bħala s-sid tal-mutur fir-rapport tal-okkorrenza Dok. SZ5[10]. Dan ifisser li s-serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, peress li sar fuq vettura bil-mutur li kien ipparkjat fi triq pubblika, u huwa kwalifikat bil-mezz, peress li sar ksur biex tneħħiet il-batterija minn ġol-mutur, liema ksur huwa evidenti mir-ritratti Dok. MC2. Billi s-serqa seħħet bil-lejl, għall-ħabta tad-9.30 p.m., huwa riskontrabbli wkoll l-aggravju tal-ħin. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-prezz tal-batterija misruqa huwa ta' €1,600 (Dok. MC1) li jfisser li s-serq huwa aggravat ukoll bil-valur taħt l-Artikolu 267 kif ukoll l-Artikolu 279(a) tal-Kap. 9.

L-istat tal-mutur kif jidher fir-ritratti Dok. MC3 jikkonvinċi lill-Qorti wkoll illi l-istess mutur, oltre li nsteraqlu l-batterija, sofra diversi ħsarat, ħsarat li ġew imsemmija fix-xhieda ta' Mark Camilleri kif ukoll dokumentati fil-prospett Dok. MC1. Il-valur komplessiv tal-parts li jeħtieġu biex jissewwew il-ħsarat li ġew ikkaġunati fil-mutur huwa ta' €2,349.44, li jfisser li l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tar-reat taħt l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9. Ma jidhirx li l-valur tal-ħsarat ġie kontestat b'ebda mod u ma hemm xejn fl-atti li jikkonvinċi lill-Qorti li għandha tiskarta l-valur li xehed dwaru Mark Camilleri.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll li huwa reċidiv a tenur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9. Fir-rigward il-Prosekuzzjoni ressqet bħala prova kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-1 ta' Lulju 2019 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierguido Saliba) v. Wayne Hall**, debitament awtentikata bit-timbru tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat is-sentenza. Din il-kopja tas-sentenza ġiet esebita bil-ġurament tad-Deputat Reġsitratur Marvic Psaila (Dok. SZ14).

---

[10] Id-difiża, permezz ta' dikjarazzjoni reġistrata fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2022, mill-ħtieġa li tressaq prova bil-ġurament tar-rapporti tal-okkorrenza, fosthom Dok. SZ5.

Madanakollu, il-Qorti tosserva li mkien f'din is-sentenza ma jinsabu indikati l-konnotati ta' Wayne Hall li bis-saħħa ta' din is-sentenza ġie misjub ħati u kkundannat multa ta' €250 u sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, u lanqas ġie mressaq biex jixhed l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri. Dan ifisser li l-Qorti m'għandhiex quddiemha l-prova, wisq inqas iċ-ċertezza morali, li l-persuna kkundannata bis-saħħa tas-sentenza tal-1 ta' Lulju 2019 huwa effettivament l-istess persuna li għandha mixlija quddiemha, ċioe' l-imputat odjern Wayne Hall. Ma ġiet prodotta ebda sentenza oħra in sostenn tal-addebitu tar-reċidiva u għalhekk fiċ-ċirkostanzi, billi l-addebitu ma ġiex ippruvat, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena, il-Qorti qieset li l-imputat ikkommetta reati serji f'temp ta' ftit ġranet u ma ddejjaq xejn jikkommetti dawn ir-reati anke fid-dawl tax-xemx u fil-beraħ ġewwa triq pubblika. Madankollu, il-Prosekuzzjoni għażlet li tixlih b'reat kontinwat li jfisser illi l-Qorti sejra tikkunsidra ż-żewġ kapi ta' serq li l-imputat qiegħed jinstab ħati tagħhom, bħala reat wieħed u għall-fini tal-piena sejra tapplika l-piena għar-reat taħt ir-raba' imputazzjoni li huwa r-reat l-iktar gravi. Fl-istess waqt ikkunsidrat ukoll illi l-imputat mhux qed jitqies bħala riċediv u in vista tal-fatt illi l-fedina penali tiegħu ma jidhrix li hija waħda oneruża u l-unika kundanna li qatt ingħata kienet multa ta' €250 għal reat involontarju, tqis li għandha tittratta mal-imputat taħt l-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 anke għaliex ma riskontrat ebda impediment li jeskludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 28A. B'hekk l-imputat ikun konxju li għandu jagħmel ħiltu biex iżomm 'il bogħod mill-kriminalita' biex jevita l-effetti tassattivi tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9.

Il-Qorti in konklużjoni, wara li rat l-atti u x-xhieda kif ukoll partikolarment, l-istqarrija tal-imputat u l-eta' tiegħu, tqis li għandha tapplika s-setgħat mogħtija taħt l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 billi tqiegħed lill-imputat taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti biex jingħata gwida strutturata f'ħajtu, li jidher li hija waħda diżorganizzata għall-aħħar, ħalli ma jibqax jgħix l-istil ta' ħajja li kien qed jgħix fiż-żmien tal-

kommissjoni ta’ dawn ir-reati u jagħraf il-bżonn li jrabbi l-għaqal qabel ikun tard wisq biex ma jaqax fl-vizzju tal-kriminalita’.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni tar-reat ta’ riċettazzjoni u mill-addebitu tar-reċediva, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 31, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 270, 271(ġ), 278(2)(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, issib lil WAYNE HALL ħati tal-ewwel, ir-raba’ u l-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien erba’ (4) snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta’ priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9, il-Qorti tqiegħed lill-ħati, WAYNE HALL, taħt is-superviżjoni ta’ uffiċjal sorveljanti mahtur taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan għaz-zmien kollu tal-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza, ċioe’ għal erba’ snin.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija, u spjegatlu wkoll l-effetti tal-ordni ta' supervizjoni għall-fini tal-Artikolu 28G(8) tal-Kapitolu 9.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, qieghda tikkundanna wkoll lill-ħati, WAYNE HALL, sabiex fi żmien sena iħallas lil Sergio Bonnici s-somma ta’ elfejn Euro (€2,000) ossia l-valur tal-mutur bin-numru ta’ reġistrazzjoni KCF-446 u dan in linea ta’ kumpens għat-telf soffert minnu b’riżultat tas-serq tal-mutur, u tikkundannah ukoll sabiex ukoll fi żmien sena, iħallas lil Go Electric Garage jew id-diriġenti tal-kumpannija Wizz Scooter,**

**is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) bħala kumpens għat-telf u l-ħsara sofferta bir-reati minnu kommess għad-detriment tagħhom.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Għall-fini tal-Artikolu 675 tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda tordna li l-oġġetti esebiti bħala Dok. SZ1, konsistenti f'number plate KCF-446 u liċenza ta' mutur, jiġu rilaxxati lil Sergio Bonnici.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tiegħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġsitratur tal-Qorti għall-finijiet tal-Artikolu 28A(8) u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-finijiet tal-Artikolu 28G(4) tal-Kapitolu 9.**

DR. RACHEL MONTEBELLO
MAĠISTRAT.